



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.8.2018  
COM(2018) 597 final

## **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT TAR-  
REĠJUNI**

**dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament  
Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru  
1302/2013 fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni, u t-titjib għat-twaqqif u l-  
funzjonament ta' tali raggruppamenti**

{SWD(2018) 395 final}

# RAPPORT TAL-KUMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1302/2013 fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti

### 1. INTRODUZZJONI

Bħala korpi legali li jistgħu jżidu ċ-ċertezza u l-istabbiltà legali tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni, ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (minn issa, "ir-REKT") huma maħsuba biex itejbu l-koeżjoni fl-Unjoni Ewropea billi jiffaċilitaw il-koperazzjoni territorjali u jindirizzaw id-diffikultajiet prattiċi involuti. Jenħtieġ li r-REKT inaqqsu l-problemi li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri u, b'mod partikolari, l-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' attivitajiet ta' koperazzjoni fil-kuntest ta' liġijiet u proċeduri nazzjonali differenti.

Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali ("ir-Regolament REKT")<sup>1</sup> ġie adottat abbażi tal-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari it-tielet subparagrafu tiegħu. Dan daħal fis-seħħ fil-1 ta' Awwissu 2006 u ilu japplika bis-sħiħ mit-1 ta' Awwissu 2007. Ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 1302/2013<sup>2</sup> fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament tar-REKT.

F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar ir-REKT is-servizzi tal-Kummissjoni ppreżentaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jivvaluta, abbażi ta' indikaturi, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE tar-REKT, u l-ambitu għas-simplifikazzjoni.

### 2. IR-REKT FIL-PRATTIKA

#### *L-attività reċenti tar-REKT fil-konkret*<sup>3</sup>

Ir-REKT huma kkonċentriati f'ċerti żoni, l-aktar fir-reġjuni tal-fruntieri tal-Ungerija, is-Slovakkja, Franza, Spanja u l-Portugall. Il-kopertura territorjali tagħhom hija partikolarment estensiva fl-Ungerija. Xi Stati Membri ma huma involuti fl-ebda REKT, dawn id-differenzi jistgħu f'xi każijiet ikunu riżultat ta' xi tip ieħor ta' struttura ta' kooperazzjoni li diġà tkun stabbilita.

Fl-2017, erba' REKT kellhom membri minn xi pajjiż mhux tal-UE. Peress li r-Regolament REKT ma kienx jirreferi b'mod espliċitu għal REKT b'dimensjoni esterna qabel ma ġie emendat, wieħed ma jistax jistenna li jitfaċċaw malajr dawn it-tali tipi ta' REKT<sup>4</sup>.

<sup>1</sup> ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar raggruppament Ewropew ta' koperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 303).

<sup>3</sup> Din it-taqsimha hija bbażata fuq ir-rapport ta' monitoraġġ tar-REKT tal-2017, pubblikazzjoni tal-KtR (2018).

<sup>4</sup> *The participation of entities from outside the EU in the European groupings for territorial cooperation* (Il-partecipazzjoni ta' entitajiet minn barra l-UE fir-raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali), KtR (2015).

It-tipi ewlenin ta' REKT huma:

- REKT transfruntiera, li l-aktar li jindirizzaw ikunu sfidi lokali u reġjonali;
- REKT transnazzjonali, fuq territorji konsiderevolment usa' minn żoni ta' kooperazzjoni transfruntiera;
- REKT ta' netwerk, magħmula minn membri li ma jkunux konnessi ma' xi żona partikolari; kif ukoll
- REKT għal skopijiet speċifiċi, eż. spartar, parks naturali, kuriduri tat-trasport u universitajiet.

Sal-31 ta' Diċembru 2017 kien hemm 68 REKT b'kollox.

L-aktar arranġament komuni ta' REKT jinvolti kooperazzjoni bejn minn żewġ (2) awtoritajiet lokali, sa massimu ta' 20, ma' strutturi ta' kooperazzjoni ta' daqs minn żgħir sa medju. It-tieni l-aktar arranġament prominenti huwa dak ta' kooperazzjoni transfruntiera li tkun tinvolvi l-awtoritajiet reġjonali.

Ir-REKT huma fil-biċċa l-kbira ffinanzjati permezz ta' tariffi tas-sħubija, trasferiment mill-baġits nazzjonali u reġjonali, u ta' kontribuzzjonijiet mill-fondi tal-UE, l-iktar mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE), iżda wkoll mil-LIFE, Erasmus+ u Orizzont 2020.

Fl-2017, ir-REKT kienu attivi fir-ristrutturar, minħabba ż-żieda fin-numru ta' membri: b'kollox, 21 (31 %) irrappurtaw bidla fis-sħubija.

Fi tmiem l-2017, kien hemm ħidma għaddejja biex jiġu stabbiliti aktar minn 20 REKT ġdid. Huwa probabbli li l-medda ta' applikazzjonijiet tal-istrument tar-REKT tkompli tespandi bħala riżultat.

### ***Il-motivazzjoni u l-isfidi relatati mal-ħolqien ta' REKT***

#### ***Motivazzjoni<sup>5</sup>***

L-istrument tar-REKT kien inħoloq biex jiffaċilita u jippromwovi l-kooperazzjoni territorjali bil-għan li tissaħħaħ il-koeżjoni fl-UE. Ir-REKT huma użati b'mod wiesa' fil-konsolidazzjoni u/jew l-approfondiment tal-kooperazzjoni transfruntiera (transtematika) ġenerali. Ikunu l-aktar il-korpi lokali u reġjonali li jagħmlu użu minnhom, iżda r-REKT huma użati wkoll fil-każ ta' kooperazzjoni interreġjonali.

Ir-REKT jiġu stabbiliti minħabba motivazzjonijiet varji. Primarjament, REKT jiġi stabbilit bħala struttura viżibbli u permanenti għall-kooperazzjoni territorjali biex jiġu ġġestiti proġetti konġunti, infrastrutturali jew riżorsi ambjentali.

Ir-REKT jikkontribwixxu biex:

- jikkonsolidaw approċċ strateġiku integrat;
- jistabbilizzaw l-istrutturi ta' kooperazzjoni u jiżguraw il-kontinwità tal-azzjonijiet;
- itejbu t-trasparenza u l-viżibbiltà tal-kooperazzjoni; kif ukoll
- jiffaċilitaw il-parteciċipazzjoni fi programmi tal-UE.

#### ***Sfidi<sup>6</sup>***

---

<sup>5</sup> *European grouping of territorial cooperation as an instrument for promotion and improvement of territorial cooperation in Europe* (Ir-raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali bħala strument għall-promozzjoni u t-titjib tal-kooperazzjoni territorjali fl-Ewropa), il-Parlament Ewropew (2015).

L-isfidi meta jkun qiegħed jinħoloq REKT jirrigwardaw:

- ✘ in-nuqqas ta' esperjenza u ta' għarfien tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni fir-rigward tal-passi li għandhom jittieħdu;
- ✘ il-ħtieġa li jintlaħaq ftehim bejn il-membri tar-REKT dwar il-kontenut tal-ħidma jew tal-kompiti preċiżi involuti; kif ukoll
- ✘ id-differenza bejn ir-regoli u r-regolamenti nazzjonali partikolari, pereż. fejn jidhul l-akkwist ta' servizzi u t-tassazzjoni; ir-Regolament REKT jipprovdi għal forma legali Ewropea soġġetta għal regoli nazzjonali ta' implimentazzjoni, għalhekk għal kull REKT ikunu jridu jinstabu soluzzjonijiet mfasla apposta bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

### ***Ir-REKT u l-kooperazzjoni territorjali Ewropea***

L-objettiv oriġinali tal-istrument REKT kien biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni territorjali Ewropea (KTE) kemm fil-livell tal-programmi kif ukoll tal-proġetti, li minbarra l-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi tinkludi l-ipprogrammar f'sens usa'.

Bħalissa, hemm żewġ REKT li fil-fatt jimplementaw programmi tal-KTE: ir-REKT tal-Grande Région, li huwa l-awtorità ta' ġestjoni (AĠ) għall-Programm Grande Région; u r-REKT ESPON, li għandu rwol speċifiku, peress li huwa l-uniku benefiċjarju, u bħala tali responsabbli mill-implimentazzjoni, tal-Programm ESPON 2014-2020<sup>7</sup>.

Xi wħud mir-REKT ikunu responsabbli mill-implimentazzjoni ta' fondi għal proġetti żgħar f'ċerti programmi speċifiċi tal-KTE: ir-REKT RDV u r-REKT Via Carpatia jimmaniġġjaw il-fond għall-proġetti żgħar<sup>8</sup> fiż-żoni ġeografiċi rispettivi tagħhom taħt il-programm Interreg bejn l-Ungerija u s-Slovakkja. Żewġ REKT huma l-benefiċjarji uniċi ta' proġetti tal-KTE, u r-REKT GO jimplementa investiment territorjali integrat (ITI).

Fl-2017, 33 REKT kienu involuti jew bħala sieħeb ewlieni, jew sieħeb f'madwar 83 proġett ta' KTE. Ir-REKT huma wkoll involuti fi KTE b'modi oħrajn, eż. il-kofinanzjament jew il-faċilitazzjoni ta' proġetti jew programmi ta' KTE.

### **3. VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT REKT**

Is-servizzi tal-Kummissjoni ħadmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) biex tingābar l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-applikazzjoni tar-Regolament REKT emendat. Is-sorsi ewlenin ta' *data* kienu r-rapport ta' monitoraġġ tar-REKT tal-KtR 2017<sup>9</sup> u studju kkummissjonat<sup>10</sup> li jevalwa l-kwistjonijiet u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness għall-att delegat futur dwar l-indikaturi tal-implimentazzjoni tar-REKT.

Ir-riżultat tal-analiżi tad-*data* miġbura ġie diskuss u maqbul mal-KtR.

---

<sup>6</sup> *Experience of European groupings of territorial cooperation (EGTC)*(L-esperjenza tar-raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali), Moro Praxis (2017).

<sup>7</sup> Il-Lussemburgu u Franza jipparteċipaw fir-REKT tal-Grande Région. Il-Lussemburgu u l-Belġju jipparteċipaw fir-REKT ESPION.

<sup>8</sup> Il-Fond għal Proġetti Żgħar huwa implimentat taħt żewġ assijiet prijoritarji tal-Programm ta' Kooperazzjoni Interreg V-A bejn is-Slovakkja u l-Ungerija u jkun irid jikkontribwixxi għall-għanijiet prijoritarji tagħhom. Ir-REKT RDV u r-REKT Via Carpatia huma REKT fuq il-fruntiera bejn l-Ungerija u s-Slovakkja.

<sup>9</sup> *EGTC monitoring report 2017*, KtR (2018).

<sup>10</sup> *Assessment of the application of the EGTC Regulation* (Valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament REKT), Spatial Foresight (2018). [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/en/policy/cooperation/european-territorial/egtc/](http://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/cooperation/european-territorial/egtc/).

### 3.1. L-Effettività tar-Regolament REKT

L-analiżi tal-effettività tar-Regolament REKT, kif emendat, tat ħarsa lejn kemm kienet ta' suċċess l-azzjoni tal-UE fil-kisba tal-oġettivi tiegħu<sup>11</sup>. L-oġettivi prinċipali tal-emendi kienu:

- sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' REKT;
- sabiex jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet; kif ukoll
- sabiex jiġi promoss użu aktar estensiv ta' REKT.

Total ta' 21 REKT ġodda ġew stabbiliti bejn l-21 ta' Ġunju 2014 u Diċembru 2017. Dan l-iżvilupp jirrappreżenta żieda sinifikanti ta' 44 % fl-għadd totali ta' REKT u juri li nżamm ir-ritmu ta' REKT stabbiliti ġodda minn żmien l-approvazzjoni inizjali tar-Regolament REKT lil hawn.

L-għadd ta' membri ta' REKT wkoll żdied b'aktar minn 30 % minn aktar minn 600 (fil-21 ta' Ġunju 2014) għal aktar minn 800 sa tmiem l-2017. Is-sħubija ta' REKT eżistenti fl-2016 u l-2017 kibret b'mod aktar konsiderevoli milli fis-snin preċedenti, li jindikaw li l-emendi tar-Regolament REKT iffaċilitaw t-tkabbir ta' REKT. Il-fatt li r-Regolament REKT iċċara r-regoli f'dan ir-rigward kien ta' appoġġ għal dan l-iżvilupp.

Mill-inqas 10 REKT kienu involuti fl-għoti ta' servizzi transfruntiera, jew fi rwol ta' ġestjoni diretta jew indiretta. Ir-REKT li jeżistu bħalissa għandhom il-ħsieb li jipprovdu, jew li jkunu ta' kontribut biex jiġu pprovduti firxa usa' ta' servizzi fil-futur, eż. sistemi ta' twissija għad-żastru naturali u riċiklaġġ tal-iskart b'mod transfruntier<sup>12</sup>. Dan jindika li l-emendi tar-Regolament REKT huma rilevanti.

B'mod ġenerali, ir-REKT isemmu diversi benefiċċji li jiġu bl-użu tal-istrument<sup>13</sup>:

- ✓ appoġġ għal strutturi ta' governanza b'diversi livelli li jsaħħu approċċi transfruntiera, minn isfel għal fuq, li jippermettu livelli intensifikati u/jew livelli oġhla ta' kooperazzjoni transfruntiera. Ir-Regolament REKT emendat jissimplifika tibdil fis-sħubija ta' REKT, u b'hekk huwa ta' appoġġ għal aġġustamenti f'konformità mal-iżvilupp tar-REKT;
- ✓ jippermetti li r-reġjuni tal-fruntiera jtejbju l-ippjanar konġunt u l-implimentazzjoni ta' strateġiji f'oqsma differenti billi jartikolaw l-interessi konġunti tagħhom u jikkondividu viżjoni għaż-żona tal-fruntiera. Mindu saru l-emendi, dan beda jinkludi provvista aħjar ta' servizzi;
- ✓ bħala benefiċjarji uniċi, ir-REKT jkollhom aċċess aktar faċli għall-fondi tal-UE, peress li l-applikazzjoni għal fondi mill-UE permezz tar-REKT tinvolvi anqas sforz amministrattiv għall-membri, speċjalment fil-perjodu programmatiku 2014-2020 tal-Fondi SIE. Il-karattru transfruntier jew transnazzjonali tar-REKT jgħin ukoll biex jiġi kkomunikat valur miżjud tal-UE meta ssir l-applikazzjoni għal fondi mill-UE;
- ✓ Il-fatt li REKT ikollhom l-identità legali tal-UE ittejjeb il-viżibilità u l-aċċettazzjoni tagħhom minn awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra. Dawn jiġu rikonoxxuti bħala intermedjarju li jkunu jistgħu jniedu azzjonijiet ġodda transfruntiera u f'xi każi jeżerċitaw influwenza akbar fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet;

<sup>11</sup> Minħabba nuqqas ta' data ta' referenza, huwa biss il-livell fid-data tal-maturità li huwa rrapportat għal xi wħud mill-indikaturi relatati mal-effettività, pjuttost milli ż-żieda matul il-perjodu.

<sup>12</sup> Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

<sup>13</sup> Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

- ✓ ir-REKT joffru kanal ta' komunikazzjoni affidabbli u sostenibbli li jiffaċilita diversi forum ta' kooperazzjoni f'żoni transfruntiera.

L-objettivi li l-istabbiliment ta' REKT jiġi ffaċilitat, li ċerti dispożizzjonijiet jiġu ċċarati, u li jingħata lok għal użu aktar estensiv tar-REKT, inkisbu b'diversi modi. Ir-REKT huma ta' appoġġ għall-KTE l-aktar peress li jimplementaw proġetti u partijiet minn programmi, aktar milli bħala AĠ ta' programmi tal-KTE. Ir-Regolament REKT ikkontribwixxa għal kjarifika u użu usa' tal-istrument, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-forniment ta' servizzi transfruntiera u l-inklużjoni ta' pajjiżi mhux tal-UE.

Xi studji<sup>14</sup> jikkonfermaw ukoll li ċ-ċarezza tgiebet f'diversi oqsma, bħal ma huma s-sħubija, il-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet minn pajjiżi mhux tal-UE u r-relazzjoni bejn il-konvenzjoni ta' REKT u l-istatuti tiegħu. Il-funzjonament tar-REKT ġie ffaċilitat, hekk kif l-aċċess għall-fondi tal-UE jidher li huwa aktar faċli u ġie ssimplifikati il-mod kif isiru bidliet fil-konvenzjoni (eż. minħabba bidliet fis-sħubija).

Ir-Regolament REKT jinkludi fl-Anness tiegħu dikjarazzjoni interistituzzjonali li fiha l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jwettqu sforzi, fi ħdan l-istituzzjonijiet u mal-Istati Membri, ta' appoġġ għall-użu tar-REKT. Fil-livell tal-UE, il-pjattaforma tar-REKT tal-KtR ġiet aġġornata u dan tejjeb b'mod konsiderevoli l-aċċess għal informazzjoni marbuta mar-REKT. Il-KtR sar ukoll involut aktar f'attivitajiet ta' promozzjoni marbuta mar-REKT, inkluż avvenimenti u pubblikazzjonijiet.

Ir-rapport annwali tal-KtR dwar ir-REKT jindika li kien hemm intensifikazzjoni ta' attivitajiet b'appoġġ għar-REKT fl-Istati Membri. Aktar Stati Membri qegħdin jipromwovu r-REKT, billi jieħdu approċċi dejjem aktar varji<sup>15</sup>. L-effettività ta' dawn l-attivitajiet hija riflessa fl-applikazzjoni ta' twessigħ tal-istrument REKT, kemm f'termini ta' temi indirizzati kif ukoll fiż-żoni ġeografiċi koperti. L-effettività ta' attivitajiet ta' promozzjoni għar-REKT tvarja bil-qawwa, peress li mhux l-Istati Membri kollha huma attivi f'dan ir-rigward. Minkejja l-kisbiet fil-promozzjoni tar-REKT, jidher li għad hemm xi diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament għall-KTE. Dan jindika li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu promossi r-REKT<sup>16</sup>.

### 3.2. L-Effiċjenza tar-Regolament REKT

L-effiċjenza tikkunsidra r-relazzjoni bejn ir-riżorsi jew l-inputs użati u t-bidliet jew ir-riżultati ġġenerati<sup>17</sup>.

Fil-każ tar-REKT, sar paragon bejn ir-REKT u strutturi oħra komparabbli skont il-liġi nazzjonali jew internazzjonali, li wassal għall-konklużjoni li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-ispejjeż għall-istabbiliment ta' REKT huma limitati wisq biex ikunu jistgħu jintużaw bħala indikatur rilevanti ta' effiċjenza.

Aspetti oħra ġew identifikati bħala aktar rilevanti fil-paragon bejn REKT u strutturi stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali jew internazzjonali:

- ✓ l-versatilità tar-REKT hija apprezzat ħafna. Meta jiġu stabbiliti, ir-REKT jistgħu jintużaw għal varjetà wiesgħa ta' għanijiet<sup>18</sup>. Fi ħdan il-kompiti ta' xi REKT, li spiss

<sup>14</sup> Ara, pereżempju, Krzymuski u Kubicki (2014) u Krzymuski(2017).

<sup>15</sup> KtR 2017a. Ir-rapport ta' monitoraġġ tar-REKT għall-2016 u l-impatti ta' kriżijiet taż-żona ta' Schengen fuq il-ħidma tar-REKT.

<sup>16</sup> KtR, 2017b. Is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni. Workshop dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE). Rapport finali. Brussell.

<sup>17</sup> Il-kostatazzjonijiet prinċipali jipprovdu biss ħarsa kwalitattiva. Ikun hemm bżonn ta' analiżi fil-fond ma' gruppi ta' kontroll biex tkun tista' tinkiseb *data* kwantitattiva dwar ir-relazzjoni bejn l-ispejjeż għal REKT, meta mqabbel ma' strutturi simili taħt il-liġi nazzjonali jew internazzjonali.

<sup>18</sup> Għal aktar informazzjoni, ara KtR(2018).

ikunu fformulati b'mod wiesa', l-oqsma ta' ħidma konkreta jkunu jistgħu jiġu aġġustati faċilment mingħajr ma jkun hemm tibdil fundamentali fl-istrutturi tiegħu; u

- ✓ wieħed mill-vantaġġi uniċi u l-aktar importanti tar-REKT huwa li dawn għandhom personalità ġuridika u b'hekk huma intitolati li jwettqu attivitajiet fil-pajjiżi kkonċernati.

### 3.3. Ir-Relevanza tar-Regolament REKT

L-indikatur li jolqot ir-rilevanza iqis sa liema punt l-oġġettivi u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament REKT jikkorrispondu mal-ħtiġijiet ta' membri prospettivi tar-REKT<sup>19</sup>.

Meta wieħed iħares lejn l-emendi tar-Regolament REKT, li wessgħu l-oġġettiv tal-ħolqien ta' REKT u wessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom f'dan ir-Regolament, nistgħu nikkonkludu li għadd konsiderevoli ta' REKT li jeżistu bħalissa jużaw fondi tal-UE apparti dawk tal-KTE li jappoġġjaw l-oġġettivi tematiċi speċifiċi tagħhom.

Sa mill-bidu tal-perjodu programmatiku 2014-2020, l-involviment tar-REKT fil-KTE ġeneralment kien appoġġat minn rabtiet legali aktar b'saħħithom bejn ir-Regolament REKT u r-regolamenti tal-politika tal-koeżjoni tal-UE<sup>20</sup> u l-involviment kumplessiv tar-REKT fi programmi ta' kooperazzjoni żdied b'mod konsiderevoli. Kważi nofs ir-REKT issa huma involuti fl-implimentazzjoni ta' programmi tal-KTE, l-aktar permezz ta' sħubijiet f'xi proġett wieħed jew ħafna.

L-emenda tar-Regolament REKT madankollu ma wasslitx għat-twaqqif ta' REKT ġodda biex jaġixxu bħala AĠ ta' programmi ta' KTE. Ir-REKT, ukoll, rari ħafna jużaw l-għażla li jaġixxu bħala benefiċjarju uniku ta' operazzjoni. Raġuni għal dan jista' jkun li, speċjalment fil-fażijiet bikrin tal-perjodu programmatiku 2014-2020, il-programmi tal-KTE kienu jirrekjedu ammont kbir ta' kjarifiki<sup>21</sup> u dan seta' wassal biex jiskoraġġixxi milli jsiru aktar applikazzjonijiet minn benefiċjarji prospettivi uniċi.

Għad hemm ambigwitatijiet. L-Artikolu 8(2) tar-Regolament REKT jiddistingwi bejn il-liġi rigward l-infurzar tal-konvenzjoni (il-punt g), fejn jaġixxu l-organi tar-REKT (il-punt h) u l-attivitajiet tar-REKT (il-punt j). Huwa ċar li l-konvenzjoni se tiddefinixxi l-liġi applikabbli fir-rigward tat-tliet elementi kollha, iżda jibqa' dubji dwar kemm imissha tkun iddettaljata l-lista tal-liġijiet applikabbli li jkunu "direttament rilevanti għall-attivitajiet tar-REKT"<sup>22</sup>. Il-fehma tal-Kummissjoni hija li l-liġi "direttament rilevanti" jenħtieġ li tkun marbuta mill-qrib ma-"kompiti speċifikati": REKT imwaqqaf biex jiġġestixxi sptar ikollu kompiti aktar speċifiċi minn REKT stabbilit biex jiżviluppa t-territorju tiegħu b'mod wiesa'.

### 3.4. Valur miżjud Ewropew

L-indikatur dwar il-valur miżjud Ewropew iqis jekk ir-REKT ikunux twaqqfu minħabba r-Regolament REKT. Il-valur miżjud tal-UE huwa marbut mill-qrib mal-benefiċċji tipiċi identifikati għar-REKT<sup>23</sup>. Il-vantaġġi ta' REKT meta mqabbla ma' entitajiet legali simili

<sup>19</sup> Minħabba nuqqas ta' *data* ta' referenza, huwa biss il-livell fid-*data* tal-maturità li huwa rrapportat għall-biċċa l-kbira tal-indikaturi u s-subkategorji tagħhom, pjuttost milli ż-żieda matul il-perjodu.

<sup>20</sup> Ara, pereżempju, *The European grouping of territorial cooperation as an instrument for promotion and improvement of territorial cooperation in Europe*, il-Parlament Ewropew (2015), pp. 31-41.

<sup>21</sup> KtR, 2017b. Is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni. Workshop dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE). Rapport finali. Brussell.

<sup>22</sup> Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

<sup>23</sup> Ma setgħet tinkiseb la *data* kwantitattiva u lanqas kwalitattiva dwar strutturi u netwerks ta' kooperazzjoni territorjali stabbiliti unikament permezz tar-REKT. L-indikatur deher wisq diffiċli biex jinftiehem mir-REKT meta kienet qiegħda tinġabar id-*data* għar-Rapport ta' Monitoraġġ tal-2017. B'riżultat ta' dan, il-

jagħtu informazzjoni kwalitattiva siewja sabiex ikun jista' jiġi vvalutat il-valur miżjud Ewropew tar-REKT:

Skont il-letteratura<sup>24</sup> il-vantaġġi huma:

- ✓ bħala entitajiet legali, ir-REKT jippermettu li jkun jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u effiċjenti f'ambjenti transfruntiera fejn ikun hemm bosta awtoritajiet involuti;
- ✓ ir-REKT jippermettu li jkun hemm koerenza, permanenza u koordinazzjoni, iħeġġu t-tfassil ta' objettivi komuni u jistabbilizzaw il-kooperazzjoni f'żoni transfruntiera;
- ✓ ir-REKT jitqiesu bħala indipendenti minn deċiżjonijiet u żviluppi politiċi iżolati li jkun jistgħu jimblokkaw l-adozzjoni jew l-implimentazzjoni ta' miżuri utli għal oqsma ta' kooperazzjoni li jestendu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali;
- ✓ ir-REKT jagħtu liż-żoni ta' kooperazzjoni setgħa ta' negozjar li tgħinhom biex jiddefendu l-interessi tagħhom; kif ukoll
- ✓ ir-REKT itaffu l-effetti ta' separazzjoni tal-fruntieri interni, biex b'hekk ikunu qiegħdin jappoġġjaw il-koeżjoni fl-UE u jtejbu l-viżibilità tal-politiki tal-UE fil-livell lokali.

Il-valur miżjud Ewropew huwa kkonfermat minn ħafna REKT meta jiġu enfasizzati l-benefiċċji li altrimenti ma kinux jitwettqu mingħajr l-istrument tar-REKT.

### 3.5. Simplifikazzjoni

Il-grad ta' simplifikazzjoni huwa vvalutat abbażi ta' jekk l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi ikunux ġew imnaqqsu u fuq jekk xi intervent ikunx jippermetti azzjoni aktar malajr jew anqas ikkumplikata. Fil-każ tar-REKT, dan huwa partikolarment rilevanti fil-fażi tal-bidu.

L-indikaturi/il-kostatazzjonijiet jindikaw li l-perjodi tal-bidu kienu iqsar. Dan huwa partikolarment il-każ fejn tidħol il-fażi li tkopri ż-żmien meħtieġ, minn meta jiġi ppreżentat l-ewwel abbozz ta' konvenzjoni tar-REKT, sal-mument li jiġi reġistrat. Jista' jkun hemm differenzi minħabba t-tip ta' REKT li jkun qiegħed jiġi stabbilit kif ukoll l-esperjenza fit-twaqqif ta' REKT.

Skont l-indikaturi, ir-Regolament REKT wassal għal xi simplifikazzjoni. Madankollu, il-ħtieġa li l-leġislazzjoni dwar ir-REKT tiġi ssimplifikata ma tqumx biss, u lanqas biss primarjament, mir-Regolament REKT, iżda spiss mil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.

L-emenda ċċarat diversi aspetti tar-Regolament REKT, b'mod partikolari l-impjeg ta' persunal, id-diviżjoni u l-klassifikazzjoni tal-konvenzjoni u l-istatuti ta' kull REKT, is-sħubija ta' diversi atturi u l-parteċipazzjoni ta' membri mhux tal-UE. Il-ħtiġijiet ta' partijiet involuti (prospettivi) f'xi REKT ġew għalhekk indirizzati f'dawn l-oqsma.

---

kostatazzjonijiet huma ristretti għal valutazzjoni kwalitattiva tal-vantaġġi tat-twaqqif ta' korp legali skont il-liġi tal-UE meta mqabbla ma' xi korp ieħor nazzjonali jew internazzjonali.

<sup>24</sup> Dan li ġej jistrieħ b'mod speċjali fuq it-tweġibiet mir-REKT meta kienet qiegħda tinġabar id-*data* għar-rapport ta' monitoraġġ tar-REKT tal-2017, kif ukoll fuq Zillmer u Luer (2017, pp. 15–21).



#### 4. PROPOSTI GĦAL TITJIB<sup>25</sup>

Prinċipju kruċjali meta jkunu qegħdin jitqiesu xi emendi ulterjuri huwa li l-istrument tar-REKT jinżamm kemm jista' jkun stabbli, peress li kull bidla għandha t-tendenza li toħloq xi inċertezza għdida. Fi ħdan il-qafas preżenti, huwa possibbli li l-użu tar-REKT jiġi ffaċilitat permezz ta' aktar informazzjoni u ta' koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, u promozzjoni akbar fil-kuntest tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE.

Ir-REKT għadu għodda relattivament għdida u ħafna parteċipanti potenzjali ma għandhom l-ebda esperjenza jew għarfien tiegħu. Bħala konsegwenza, hemm il-ħtieġa ta' aktar informazzjoni, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet legali li jikkonċernaw it-tfassil ta' REKT u l-iżvilupp tal-istatuti u tal-konvenzjoni tiegħu.

L-istabbiliment ta' REKT normalment se jkun jinvolvi diversi Stati Membri, li jistgħu jimplementaw r-Regolament REKT b'modi differenti. Ir-rekwiżiti u l-proċeduri standardizzati jistgħu jikkontribwixxu għal ċertezza legali akbar kemm għall-imsieħba tar-REKT kif ukoll għall-awtoritajiet involuti. Għalhekk, il-laqgħat regolari u l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jtkomplew u jintużaw biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar hija marbuta wkoll ma' kuntatti bejn membri potenzjali tar-REKT u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, u fost dawn tal-aħħar fi Stati Membri differenti. Minbarra l-kwistjonijiet amministrattivi, hemm ukoll il-ħtieġa li jintlaħaq qbil dwar il-kontenut tar-REKT. Dan il-proċess jista' jiġi megħjun permezz ta' skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki bejn il-korpi tal-approvazzjoni, ir-REKT u l-KtR.

Komunikazzjoni aħjar tal-istrument tar-REKT fil-kuntest ta' programmi ta' finanzjament tal-UE tista' tippromwovi l-użu tiegħu u l-aċċess tiegħu għall-finanzjament tal-UE kif huwa previst fl-Artikolu 3 tal-proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 374<sup>26</sup>. Dan ikun partikolarment importanti fil-bidu tal-perjodu programmatiku li jmiss (wara l-2020).

Strumenti ġodda proposti, bħal ECBM proposti<sup>27</sup>, li għandhom l-għan li jiffaċilitaw fuq bażi volontarja, li r-regoli ta' Stat Membru wieħed jiġu applikati fl-Istat Membru ġar għal xi proġett speċifiku jew xi servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, se jkomplu jgħinu l-ħidma tar-REKT, peress li n-natura tagħhom għal kollox istituzzjonali mhix idonea biex jiġu riżolti l-ostakoli legali u amministrattivi<sup>28</sup>. Ir-REKT għandhom il-potenzjali li jindirizzaw kwistjonijiet oħra li ġew indikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE<sup>29</sup>, pereż. l-iffaċilitar tal-aċċessibbiltà transfruntiera jew il-promozzjoni ta' akbar għbir flimkien ta' faċilitajiet għall-kura tas-saħħa, bħall-Isptar Transfruntier ta' Cerdanya, li huwa REKT.

<sup>25</sup> Jintuża input minn *Experience of European groupings of territorial cooperation (EGTC)*, Moro Praxis (2017), *The European grouping of territorial cooperation as an instrument for the promotion and improvement of territorial cooperation in Europe*, il-Parlament Ewropew (2015) u *Assessment of the application of the EGTC Regulation*, Spatial Foresight (2018).

<sup>26</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (l-Artikolu 3) – COM(2018) 374 finali, 29.5.2018.

<sup>27</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier - COM(2018) 373 finali, 29.5.2018.

<sup>28</sup> L-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 jeskludi li r-REKT jeżerċitaw poteri regolatorji.

<sup>29</sup> COM(2017)534 finali, 20.9.2017.

Ir-REKT ħafna drabi jservu bħala bażi għall-ittestjar biex jingħelbu d-differenzi bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Qasam possibbli ta' segwitu jista' jkun l-użu tar-REKT bħala studji tal-każ dwar kif dawn id-differenzi jiġu indirizzati.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Ir-Regolament emendat għandu l-intenzjoni li jiffaċilita l-istabbilment u t-tħaddim ta' REKT, kif ukoll biex jiċċara ċerti dispożizzjonijiet eżistenti. Minbarra li wassal għal żieda sinifikanti ta' 44 % fl-għadd totali ta' REKT huwa jtejjeb ukoll l-effiċjenza u l-effettività tar-REKT fil-promozzjoni tal-koperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE.

L-analiżi li saret abbażi ta' indikaturi li għandhom x'jaqsmu mal-effettività, l-effiċjenza u r-rilevanza turi li ntlaħqu l-oġettivi li jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' REKT, li jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet u li jkun possibbli li jsir użu aktar estensiv tal-istrument REKT.

Ir-Regolament REKT jikkontribwixxi għall-iċċarar u l-użu usa' tal-istrument tar-REKT, speċjalment fil-każ ta' għoti ta' servizzi transfruntiera. Huwa jiċċara wkoll ċerti aspetti, bħal ma huma s-sħubija, il-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet minn pajjiżi mhux tal-UE u r-relazzjoni bejn il-konvenzjoni ta' REKT u l-istatuti tiegħu. Sadanittant, in-numru ta' membri tar-REKT żdied b'aktar minn 30 % sa mill-bidu tal-perjodu programmatiku 2014-2020, il-ħolqien ta' REKT b' dimensjoni esterna se jeħtieġu azzjoni speċifika mill-atturi fil-livelli kollha.

B'mod ġenerali, ir-REKT huma ferm aktar involuti fi programmi ta' kooperazzjoni, iżda f'it biss huma daww li qed jimplementaw proġetti tal-KTE bħala benefiċjarji uniċi jew li qegħdin jiġġestixxu (partijiet minn) xi programm.

Il-valur miżjud Ewropew huwa kkonfermat minn ħafna REKT meta jiġu enfasizzati l-benefiċċji li altrimenti ma kinux jitwettqu mingħajr l-istrument REKT.

Ir-Regolament REKT emendat ipprova grad ta' simplifikazzjoni. Madankollu, il-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni dwar ir-REKT ma tqumx primarjament fil-livell tal-UE, iżda fir-rigward ta' kundizzjonijiet supplimentari imposti mill-Istati Membri.

L-effettività ta' attivitajiet li jippromwovu r-REKT tvarja ħafna minn pajjiż għal ieħor. Minkejja l-isforzi addizzjonali ta' promozzjoni, għadhom meħtieġa aktar sforzi biex tittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-istrument tar-REKT fil-promozzjoni tal-koperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE.

L-isfidi li ġew identifikati jindikaw li ċ-ċertezza legali tar-REKT u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jibbenefikawx aktar minn rekwiżiti u proċeduri standardizzati milli minn emendi għar-Regolament REKT. Biex ir-REKT ikunu aktar effettivi u soġġetti għal arranġamenti aktar sempliċi, hemm il-ħtieġa ta' aktar koordinazzjoni fost l-Istati Membri sabiex tittejjeb l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament, jingħelbu d-diffikultajiet minħabba d-differenzi li joħorġu minn differenzi fl-implimentazzjoni u jiġu kkoordinati oqfsa legali nazzjonali diverġenti. Promozzjoni aħjar tar-REKT fil-kuntest tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE — speċjalment il-programmi ta' KTE — ikunu ta' appoġġ għall-aċċess tagħhom għal fondi tal-UE.